MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 354/2008

**Bank of Valletta p.l.c**

**Vs**

**Concetta Apap**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tlieta w ghoxrin (23) t’Ottubru 2008 permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta’ tmint elef u sitt mitt euro u tlieta u tletin euro centesmu (EUR 8,600.33) bilanc ghad-debitu f’Loan Account’ taghha mal-Bank of Valletta plc (Dok. A 1 sa A 4) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Lulju 2008 sad-data ta’ l-effettiv.

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata tas-sbatax (17) ta’ Jannar 2001 (Dok B) u partikolarment imma mhux

esklussivament billi l-konvenuta Concetta Apap **(a)** naqset milli thallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura u **(b)** kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess skrittura u/jew **(c)** hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuta li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici u b'hekk il-konvenuta iddekadiet mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata hdax (11) ta' Dicembru 2007 (Dok. C) kontra l-konvenuta li kienet ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta kien debitament notifikata bir-rikors in kwistjoni nhar l-ghoxrin (20) ta' Novembru 2008 skond riferta tal-Marixxal Eugenio Mallia a fol. 16 tergo.

Rat illi fis-seduta tal-hdax (11) ta' Dicembru 2008 l-konvenuta gie imsejjha diversi drabi izda baqghet ma dehritx pero deher l-avukat taghha Dr. Ronald Aquilina li ipprezenta nota t'ammissjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici u in-nota t'ammissjoni tal-konvenuta issib li t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba attrici billi tidikkjara li l-konvenuta naqset milli tghamel il-pagamenti minnha mitluba u dovuta lil Bank attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tmint elef u sitt mitt euro u tlieta u tletin euro centesmu (EUR 8,600.33) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------